2025/2386

28.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2386

tas-27 ta' Novembru 2025

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (ir-"Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 452/2007 ([2]), il-Kunsill impona dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Ukrajna ("il-miżuri oriġinali").

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1243/2010 ([3]), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija ta' Since Hardware (Guangzhou) Co, produttur esportatur Ċiniż ta' twavel għall-mogħdija. L-investigazzjonijiet li wasslu għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se jissejħu "l-investigazzjonijiet oriġinali".

(3) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 77/2010 ([4]), il-Kunsill emenda l-miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' esportatur ġdid skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

(4) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 270/2010 ([5]), il-Kunsill emenda l-miżuri wara rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(5) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 805/2010 ([6]), il-Kunsill impona mill-ġdid dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija ta' Foshan Shunde Yongjian Housewares and Hardware Co. Ltd, Foshan, produttur esportatur Ċiniż ta' twavel għall-mogħdija, biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-141/08 P ([7]).

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 452/2007 tat-23 ta' April 2007 li jimponi dazju definittiv anti-dumping u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Ukrajna (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/452/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1243/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina prodotti minn Since Hardware (Guangzhou) Co., Ltd (ĠU L 338, 22.12.2010, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2010/1243/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 77/2010 tad-19 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw *inter alia*, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 24, 28.1.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2010/77/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 270/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw, fost oħrajn, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2010/270/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 805/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimponi mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, immanifatturati minn Foshan Shunde Yongjian Housewares and Hardware Co. Ltd., Foshan (ĠU L 242, 15.9.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2010/805/oj).

([7]) Is-Sentenza tal-Qorti (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware Co. Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, C-141/08 P, ECLI:EU:C:2009:598.

(6) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 987/2012 ([8]), il-Kunsill impona mill-ġdid dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, immanifatturati minn Zhejiang Harmonic Hardware Products Co. Ltd, biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża T-274/07 ([9]).

(7) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 695/2013 ([10]), il-Kunsill estenda l-miżuri għal 5 snin oħra fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u ħassar il-miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukrajna, wara rieżami ta' skadenza f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u rieżami interim f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(8) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1662 ([11]), il-Kummissjoni imponiet mill-ġdid il-miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku (ir-"rieżami ta' skadenza preċedenti").

(9) Id-dazji anti-dumping fis-seħħ bħalissa għandhom rati li jvarjaw bejn 18,1 % u 39,6 % fuq importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi fil-kampjun u rata ta' dazju ta' 42,3 % għall-kumpaniji l-oħrajn kollha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(10) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza imminenti ([12]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(11) It-talba għal rieżami tressqet fid-29 ta' Ġunju 2024 minn 5 produtturi tal-Unjoni (Afer FUTE - Fábrica de Utilidades de Tubo S.A., Brabantia Latvia SIA, Colombo New Scal SpA, Rörets Polska Sp. z o.o. u Sonecol Indústria Metalurgica de Utilidades Domésticas S.A.) ("l-applikanti") f'isem l-industrija tal-Unjoni tat-twavel għall-mogħdija fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku ("it-talba"). It-talba għal rieżami kienet imsejsa fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta f'kontinwazzjoni ta' dumping u f'rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(12) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienu jeżistu provi suffiċjenti għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fl-1 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "iċ-Ċina" jew "ir-RPĊ") abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([13]) ("in-Notifika tal-Bidu").

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 987/2012 tat-22 ta' Ottubru 2012 li jimponi mill-ġdid dazju definittiv tal-anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' twavel tal-mogħdija li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, manifatturati minn Zhejiang Harmonic Hardware Products Co. Ltd (ĠU L 297, 26.10.2012, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/987/oj).

([9]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Novembru 2011, Zhejiang Harmonic Hardware Products vs Il-Kunsill, Kawża T-274/07 (ĠU C 223, 22.9.2007, p. 15, CELEX: 62007TA0274).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 695/2013 tal-15 ta' Lulju 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jħassar l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mill-Ukraina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) u reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/695/oj).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, C/2019/6902 (ĠU L 252, 2.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1662/oj).

([12]) Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping (ĠU C, C/2024/788, 16.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/788/oj).

([13]) Notifika ta' tnedija ta' reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping li japplikaw għall-importazzjoni ta' twavel għall-mogħdija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2024/5916, 1.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5916/oj).

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu kkunsidrat**

(13) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

1.5. **Partijiet interessati**

(14) Fin-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikanti, lil produtturi oħra tal-Unjoni, lill-produtturi magħrufa kollha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-importaturi, lill-utenti, lin-negozjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-iskadenza u stednithom jieħdu sehem.

(15) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fi proċedimenti kummerċjali.

1.6. **Kampjunar**

(16) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(17) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tar-rappreżentattività f'termini ta' volum ta' produzzjoni u bejgħ tal-prodott simili. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni, li jirrappreżentaw aktar minn 55 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-Unjoni u żgura firxa ġeografika tajba. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma kellha kummenti u l-Kummissjoni għalhekk ikkonfermat li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun b'mod provviżorju finalment intgħażlu biex jiffurmaw parti mill-kampjun definittiv. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

Kampjunar tal-importaturi

(18) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(19) L-ebda importatur mhux relatat ma pprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju.

Kampjunar tal-produtturi fir-RPĊ

(20) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi magħrufa kollha fir-RPĊ biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur u lill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi biex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw lil produtturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(21) L-ebda produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat ma pprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju.

(22) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fi proċedimenti kummerċjali.

1.7. **Kwestjonarji u żjarat ta' verifika**

(23) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(24) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-importaturi mhux relatati u lill-utenti. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([14]) fil-jum tal-bidu.

(25) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu biss mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(26) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— Afer FUTE, il-Portugall;

— Colombo New Scal SpA, l-Italja;

— Rörets Polska Spółka z o.o., u AB Rörets Industrier, l-Iżvezja, it-tnejn ivverifikati fil-Polonja.

1.8. **Proċedura sussegwenti**

(27) Fid-19 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping fis-seħħ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni.

(28) Ma wasal l-ebda kumment li jikkontesta s-sejbiet tal-Kummissjoni.

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(29) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami ta' skadenza huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjonijiet oriġinali u fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, jiġifieri t-twavel għall-mogħdija, kemm jekk bis-saqajn jew mingħajrhom, b'wiċċ jew le minn fejn joħroġ il-fwar u/jew is-sħana u/jew l-arja, inklużi twavel għall-kmiem, u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri s-saqajn, il-wiċċ u fejn tisserraħ il-ħadida ("il-prodott taħt rieżami").

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(30) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ex 3924 90 00, ex 4421 99 99, ex 7323 93 00, ex 7323 99 00, ex 8516 79 70 u ex 8516 90 00 (kodiċijiet TARIC 3924 90 00 10, 4421 99 99 10, 7323 93 00 10, 7323 99 00 10, 8516 79 70 10 u 8516 90 00 51).

2.3. **Prodott simili**

(31) Kif stabbilit fl-investigazzjonijiet oriġinali, kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi, kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami jiġi mmanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;

([14]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2752.

— il-prodott taħt rieżami jiġi mmanifatturat u mibjugħ mill-produtturi esportaturi lill-bqija tad-dinja; u

— il-prodott taħt rieżami jiġi mmanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(32) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **DUMPING**

3.1. **Kummenti preliminari**

(33) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, komplew l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija miċ-Ċina. Skont id-data rrapportata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)"), l-importazzjonijiet ta' twavel għall-mogħdija mir-RPĊ ammontaw għal madwar 6 % tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, meta mqabbla ma' 11 % matul ir-rieżami ta' skadenza preċedenti ([15]). F'termini assoluti, il-volum tal-importazzjonijiet kien sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u kellu xejra ta' żieda matul il-perjodu kkunsidrat.

(34) Kif imsemmi fil-premessa (21), l-ebda wieħed mill-esportaturi/produtturi fiċ-Ċina ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet tar-RPĊ li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u tibbaża s-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping u dannu fir-rigward tal-esportaturi/produtturi fir-RPĊ fuq il-fatti disponibbli. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew asserzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku mill-GTĊ.

(35) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari fuq l-informazzjoni pprovduta fit-talba u l-istatistika bbażata fuq il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6). Barra minn hekk, il-Kummissjoni użat sorsi oħra ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku bħall-Bank Dinji, il-Global Trade Atlas ("GTA", Global Trade Atlas) u l-bażijiet tad-data ta' Orbis Bureau van Dijk ("Orbis") u l-istatistika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO", International Labour Organisation). Il-Kummissjoni bbażat ukoll fuq is-sejbiet tar-rieżami ta' skadenza preċedenti kif ukoll fuq is-sejbiet tal-investigazzjonijiet anti-dumping dwar l-istess prodott mibdija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti u tar-Renju Unit.

3.2. **Dumping**

3.2.1. *Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku*

(36) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li tindika l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a), il-punt (b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nediet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(37) Sabiex tikseb informazzjoni li qieset neċessarja għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku qabel l-iskadenza. Sussegwentement, fid-19 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni nnotifikat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Ma wasal l-ebda kumment jew asserzjoni rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662.

(38) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija kienet għażlet b'mod provviżorju lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi oħra possibbilment xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(39) Fid-19 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati permezz ta' nota dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha ta' produzzjoni, bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija li jintużaw fil-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija (in-"Nota tal-FOP"). Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla tal-prezzijiet jew tal-valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni u t-talba, il-Kummissjoni identifikat lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar in-Nota tal-FOP.

3.2.1.1. Valur normali

(40) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(41) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "(f)il-każ li jiġi determinat […] li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem "SG&A" (Selling, General and Administrative)).

(42) Kif huwa spjegat ulterjorment hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1.1.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(43) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza fil-fajl biex tiddeċiedi jekk kienx hemm distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-RPĊ, li jagħmlu l-użu tal-prezzijiet u tal-kostijiet domestiċi mhux xieraq f'dak il-pajjiż. Dik l-analiżi kopriet l-elementi evidenzjarji li ġejjin dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti.

(44) L-ewwel nett, l-evidenza li tinsab fit-talba kienet tinkludi l-elementi li ġejjin li jindikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti.

(45) L-applikanti rrimarkaw li s-suq inkwistjoni huwa servut b'mod sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika tal-awtoritajiet Ċiniżi. L-applikanti nnotaw li tali influwenza tinvolvi mhux biss is-suq tal-prodott taħt rieżami iżda wkoll is-suq tal-materja prima ewlenija (jiġifieri l-azzar). Skont l-applikanti, dan jinkiseb mill-GTĊ permezz ta' żewġ mezzi ewlenin, wieħed jinvolvi t-tfassil mill-ġdid tal-istruttura korporattiva tas-settur, u l-ieħor l-eżerċizzju ta' kontroll fuq il-maniġment u l-persunal ta' SOEs individwali ([16]).

(46) L-applikanti ħadu nota tas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, u ddikjaraw li l-fornituri tal-komponenti ewlenin tal-prodott ikkonċernat huma proprjetà tal-Istat Ċiniż. Fit-talba, l-applikanti mhux biss innotaw li l-produtturi tat-twavel għall-mogħdija, bħal Hardware (Guangzhou) Co. Ltd, iżommu rabtiet stretti mal-Partit Komunista Ċiniż (CCP, Chinese Communist Party) ([17]), iżda rreferew ukoll, kif stabbilit fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, għall-influwenza tas-CCP fuq il-fornituri ta' komponenti ewlenin tal-prodott taħt rieżami ([18]).

([16]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet tad-Difiża tal-Kummerċ ("*Ir-Rapport*"), l-10 ta' April 2024, SWD(2024) 91 final – it-Taqsima 5.5, p. 120.

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (64).

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (60).

(47) L-applikanti enfasizzaw ukoll li l-preżenza tal-Istat fid-ditti tippermettilu jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet. Huma rreferew għas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, filwaqt li ddikjaraw li dan jinkiseb permezz tal-preżenza ta' ċelloli tas-CCP kemm fl-intrapriżi pubbliċi kif ukoll f'dawk privati ([19]). Il-prezzijiet u l-kostijiet huma influwenzati permezz ta' diversi strumenti bħaż-żieda jew it-tnaqqis artifiċjali tal-livell tal-provvista tal-materja prima jew permezz ta' mekkaniżmu għall-iffissar tal-prezzijiet ([20]).

(48) Barra minn hekk, l-applikanti indikaw li l-politiki jew il-miżuri pubbliċi jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew inkella jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles. F'dak ir-rigward l-applikanti nnotaw li "Il-politiki Ċiniżi huma intervenzjonisti b'mod ċar". B'mod partikolari, l-applikanti semmew miżuri ta' politika bħal Made in China 2025, "li tistabbilixxi l-għan li tippromwovi l-industrija tal-manifattura, [...] u tidentifika s-sussidji fuq l-imgħax fuq is-self bħala tip ta' appoġġ finanzjarju li għandu jiġi pprovdut lill-intrapriżi", filwaqt li ddikjaraw ukoll li "il-banek u selliefa oħra suppost jappoġġaw dawn il-politiki billi jagħtu self lil kumpaniji attivi f'setturi bħal dawn" ([21]).

(49) L-applikanti nnotaw li s-settur tal-prodott taħt rieżami huwa influwenzat ħafna mill-miżuri ta' politika dwar l-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-manifattura tat-twavel għall-mogħdija. Fir-rigward ta' dan, l-applikanti nnotaw il-"kontroll ġenerali tal-gvern li jipprevjeni l-forzi tas-suq ħieles milli jipprevalu fis-settur tal-azzar" ([22]).

(50) Barra minn hekk, l-applikanti sostnew in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġi dwar il-falliment, tad-dritt tal-kumpaniji jew tal-liġi tal-proprjetà. L-applikanti rreferew għas-sejbiet tal-Kummissjoni fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, li jiddikjaraw li "is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa soġġett għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġi dwar il-falliment u tal-liġi tal-proprjetà" ([23]).

(51) L-applikanti rrimarkaw ukoll id-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-prodott taħt rieżami u tal-materja prima tiegħu fiċ-Ċina, filwaqt li għamlu referenza għar-rieżami ta' skadenza preċedenti li kien stabbilixxa li "il-kostijiet tal-pagi kienu b'distorsjoni fis-settur tal-manifattura tat-twavel għall-mogħdija u fis-setturi tal-komponenti ewlenin tiegħu" ([24]).

(52) Fl-aħħar nett, l-applikanti nnotaw li l-aċċess għal finanzjament huwa distort favur il-produtturi tal-prodott taħt rieżami. B'mod partikolari, skont l-applikanti, "il-funzjonament tas-sistema finanzjarja huwa kkaratterizzat mill-preżenza tal-Istat, kemm min-naħa tat-teħid u tal-għoti b'self kif ukoll min-nuqqas ta' mekkaniżmi normali tas-suq bħal proċeduri effettivi u trasparenti ta' falliment u ta' ħruġ mis-suq" ([25]).

(53) It-tieni, f'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-prodott taħt rieżami jew is-settur tal-azzar – l-azzar huwa l-materja prima prinċipali użata għall-manifattura tat-twavel għall-mogħdija – fir-RPĊ ([26]), il-Kummissjoni sabet li kienu preżenti distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. F'dawk l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ li jirriżulta f'distorsjoni tal-

([19]) Ir-Rapport – it-Taqsima 3.3.2, p. 47.
([20]) Ir-Rapport – it-Taqsima 12.10, p. 357.
([21]) Ir-Rapport – it-Taqsima 11.2.2, p. 299.
([22]) Ir-Rapport – it-Taqsima 14.8, p. 416.
([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (81).
([24]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (84).
([25]) Ir-Rapport – it-Taqsima 6.8, p. 181.
([26]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666 tas-6 ta' Ġunju 2024 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mill-Marokk u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1666/oj; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444 tal-11 ta' Lulju 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-pjanċi b'bastun tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Turkija; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100 tal-11 ta' Jannar 2023 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' kartelli tal-azzar inossidabbli li jistgħu jimtlew mill-ġdid u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1444/oj; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068 tas-26 ta' Ottubru 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/2068/oj; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/191/oj.

allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([27]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku ([28]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku ([29]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-forniment tal-materja prima u tal-inputs, għandhom ukoll effett distorsiv addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fl-ixprunar tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([30]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u tal-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod speċjali meta jinżammu ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([31]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku ([32]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital mill-atturi korporattivi fir-RPĊ ([33]).

(54) It-tielet, fl-aktar rieżami ta' skadenza reċenti dwar il-prodott taħt rieżami ([34]), il-Kummissjoni kkonkludiet li kienu preżenti distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ma taf bl-ebda bidla strutturali kbira fir-RPĊ b'mod ġenerali u/jew fis-settur rilevanti b'mod partikolari li tista' taffettwa dik il-konklużjoni.

(55) Ir-raba', evidenza addizzjonali disponibbli fir-Rapport, imħejji mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku, indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti anke matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(56) Il-ħames, f'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument li juri l-kuntrarju.

([27]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666, il-premessa (76); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (66); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (58); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (80); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessa (208).

([28]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666, il-premessa (60); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (45); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (38); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (64); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessa (192).

([29]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666, il-premessi (66) sa (68); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (58); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (40); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (66); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessi (193) u (194). Filwaqt li d-dritt li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat jaħtru u jneħħu membri kruċjali tal-maniġment fl-SOEs, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies bħala li jirrifletti d-drittijiet tas-sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont id-dritt tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, tal-inqas mill-2016, is-CCP saħħaħ l-asserzjonijiet tiegħu li jikkontrolla deċiżjonijiet tan-negozju fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u jsegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, bi pressjoni dejjem tikber biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fid-deċiżjonijiet tan-negozju fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli japplikaw b'mod ġenerali għall-ekonomija Ċiniża kollha, fis-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott taħt rieżami u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

([30]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666, il-premessi (61) sa (65); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (59); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (43); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (68); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessi (195) sa (201).

([31]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (62); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (52); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (74); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessa (202).

([32]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666, il-premessa (72); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (45); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (33); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (75); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessa (203).

([33]) Ara r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1666, il-premessa (73); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1444, il-premessa (64); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/100, il-premessa (54); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2068, il-premessa (76); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191, il-premessa (204).

([34]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessi (99) u (100).

(57) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u dawk lavorattivi, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif muri mill-impatt reali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan il-każ, ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet biex taħdem il-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu l-prezzijiet jew il-valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2.1.1.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

Kummenti ġenerali

(58) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għaċ-Ċina abbażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji ([35]);

— Produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([36]);

— Id-disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv;

— Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, jenħtieġ li tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(59) Kif spjegat fil-premessa (39), il-Kummissjoni ħarġet nota għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali: in-nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni tad-19 ta' Mejju 2025, jiġifieri n-Nota tal-FOP. Din in-nota ddeskriviet il-fatti u l-evidenza sottostanti tal-kriterji rilevanti. Fin-Nota tal-FOP, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ, jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ

(60) Fin-Nota tal-FOP, il-Kummissjoni identifikat lit-Turkija bħala l-pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri hija kklassifikata mill-Bank Dinji bħala pajjiż "b'introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross fejn kien magħruf li jiġi mmanifatturat il-prodott taħt rieżami.

(61) Ma wasal l-ebda kumment dwar il-pajjiż identifikat f'dik in-nota.

Disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv

(62) Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa d-data rilevanti kollha disponibbli fil-fajl għall-fatturi ta' produzzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv potenzjali u nnotat dan li ġej:

— Il-Kummissjoni analizzat l-istatistika dwar l-importazzjoni tal-materja prima kollha elenkata fin-Nota tal-FOP. Il-Kummissjoni stabbiliet li t-Turkija importat il-materja prima kollha rilevanti fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

— Il-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass għall-konsumaturi mhux domestiċi kienu negliġibbli meta wieħed iqis il-kwantità insinifikanti meħtieġa għall-proċess tal-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija.

([35]) World Bank Open Data – Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

([36]) Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija ġenerali u/jew settur tal-prodott taħt rieżami.

— L-istatistika tal-ILO pprovdiet informazzjoni dwar il-pagi ta' kull xahar fis-settur tal-manifattura u s-sigħat fil-ġimgħa maħduma fit-Turkija. Informazzjoni simili għat-Turkija kienet disponibbli wkoll għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Istitut Tork tal-Istatistika ("TURKSTAT" ([37])).

— Fin-Nota tal-FOP, il-Kummissjoni indikat li t-talba ma identifikat l-ebda produttur ta' twavel għall-mogħdija fit-Turkija, u lanqas il-Kummissjoni stess ma sabet. Minflok, it-talba bbażat fuq l-istatistika settorjali ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija, bl-użu ta' data dwar il-kumpaniji Torok li joperaw fis-settur NACE C-259: Manifattura ta' Prodotti tal-Metall Ffabbrikati Oħra. Fin-Nota tal-FOP, il-Kummissjoni qieset li d-data finanzjarja tal-Bank Ċentrali tat-Turkija għan-negozji skont in-NACE C-259 hija uffiċjali u affidabbli u kienet beħsiebha tuża l-aktar data reċenti disponibbli (2023) biex tikkalkula l-SG&A u l-profitti.

(63) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bin-Nota tal-FOP li għandha l-ħsieb li tuża lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex tikseb prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.

(64) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar l-adegwatezza tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv fil-pajjiż rappreżentattiv.

(65) Ma wasal l-ebda kumment.

Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

(66) Wara li ġie stabbilit li t-Turkija kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha ta' hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(67) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, it-Turkija ssodisfat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(68) Ma wasal l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati f'dan ir-rigward.

Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni

(69) Fin-Nota tal-FOP, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi tal-produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produttur esportatur u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota. Ma wasal l-ebda kumment.

(70) Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-GTA biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet se tuża TURKSTAT biex tistabbilixxi l-kostijiet lavorattivi mingħajr distorsjoni ([38]). Fir-rigward tal-enerġija, l-investigazzjoni preċedenti wriet li l-elettriku u l-gass naturali kkunsmati matul il-proċess tal-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija huma insinifikanti. Għalhekk, għall-fini ta' din l-investigazzjoni, il-kost tal-enerġija se jerġa' jitqies bħala negliġibbli ([39]).

([37]) https://www.tuik.gov.tr/.
([38]) Turkish Statistical Institute (TURKSTAT).
([39]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (127).

Fatturi ta' produzzjoni

(71) Meta titqies l-informazzjoni inkluża fit-talba, ġew identifikati l-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi SA	Valur minimu ta' distorsjoni	Unità ta' kejl	Sors ta' informazzjoni
Materja prima				
Tubi tal-azzar: (19 × 0,7 mm) (EN 1035-3)/ 22 × 0,7 mm) (EN 10305-3)	730 630	14,76	kg	Global Trade Atlas ([1]) (GTA)
Tubi tal-azzar: (20 × 0,6 × 1 080 mm)	730 669	15,14	kg	GTA
Wajer 5,5 mm	721 710	12,16	kg	GTA
Wajer 7,75 mm	721 720	12,12	kg	GTA
Wajer 5-7 mm (C9D)	721 790	21,14	kg	GTA
Metall (DC01) u folja tal-metall 0,7 mm, 1 mm u 3 mm	721 123	6,55	kg	GTA
Xibka tal-metall 320 × 1 100 mm	731 450	17,62	kg	GTA
Woxers, rivets u viti	731 823	87,38	kg	GTA
Molol	731 829	142,68	kg	GTA
Fowm (Poliuretan 25kg/m^3)	392 113	60,00	kg	GTA
Fowm (Poliuretan 25kg/m^3)	392 490	39,04	kg	GTA
Partijiet tas-silikonu u tal-plastik	392 630	103,90	kg	GTA
Qoton	520 852	18,55	m^2	GTA
Spag	550 922	19,48	kg	GTA
Ħjut	550 810	31,88	kg	GTA
Taħlita taż-żebgħa tal-Eposside/ poliester	320 649	31,66	kg	GTA

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi SA	Valur mingħajr distorsjoni	Unità ta' kejl	Sors ta' informazzjoni
Kartuna+tikketta	481 910	16,12	kg	GTA
Fojl li jiċkien fid-daqs	392 020	17,64	kg	GTA
Tikketta bil-kulur	480 258	10,25	kg	GTA
Tgeżwir li jiċkien fid-daqs	392 010	23,22	kg	GTA
Manodopera				
Kost lavorattiv	M/A	44,88	Siegħa	Statistika tal-ILO/ nazzjonali

([1]) http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm.

3.2.1.1.3. *Materja prima*

(72) Tavla għall-mogħdija hija ġeneralment biċċa dejqa u ċatta ta' injam jew metall protetta b'kopertura protetta missħana u ta' spiss ikollha saqajn li jistgħu jingħalqu, li fuqha jistgħu jiġu mgħoddija ħwejjeġ jew bjankerija. Skont id-definizzjoni tal-prodott taħt rieżami kopert minn din l-investigazzjoni, din tista' tinkludi wkoll wiċċ minn fejn joħroġ il-fwar, wiċċ minn fejn toħroġ is-sħana, wiċċ minn fejn toħroġ l-arja, twavel għall-kmiem u partijiet oħra. Il-materja prima ewlenija li tintuża fit-twavel għall-mogħdija hija l-metall, primarjament l-azzar (folja tal-metall, tubi, wajer). Materja prima oħra li tintuża fil-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija tinkludi żebgħa/kisi, partijiet tal-plastik, fowm u drapp.

(73) L-istruttura tal-kost tvarja skont it-tip tat-tavla li tkun qiegħda tiġi prodotta, jiġifieri twavel ta' livell għoli jinkludu tipi differenti ta' materjal meta mqabbla mat-twavel ta' livell bażiku. Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq it-talba għal rieżami sabiex tispeċifika l-fatturi ta' produzzjoni użati għall-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija. Kif issemma hawn fuq, l-ebda waħda mill-partijiet interessati ma pprovdiet xi kumment f'dan ir-rigward.

(74) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjata fuq l-għatba ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-pajjiż rappreżentattiv, billi hija kkonkludiet fil-premessi (43) sa (57) li ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Wara li ġew eskluži l-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra baqa' rappreżentattiv.

(75) Normalment, ma' dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni jenħtieġ li jiżdiedu l-prezzijiet tat-trasport domestiku wkoll. Madankollu, meta jitqiesu s-sejbiet ta' dumping fil-premessi (87) sa (89) kif ukoll tan-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffokata fuq is-sejbien ta' jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jekk jistax jerġa' jseħħ, aktar milli fuq is-sejbien tal-firxa eżatta tiegħu, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li jsiru aġġustamenti għat-trasport domestiku. Aġġustamenti bħal dawn jirriżultaw biss f'żieda fil-valur normali u konsegwentement f'marġni ta' dumping ogħla.

([40]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

3.2.1.1.4. *Manodopera*

(76) L-Istitut Tork tal-Istatistika jippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fit-Turkija. Il-Kummissjoni użat l-aħħar statistika disponibbli tal-2022 għall-kost lavorattiv medju fis-settur tal-azzar tal-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi, komunement imsejħa NACE, li tinkludi l-kostijiet lavorattivi fis-settur tal-manifattura tal-azzar, jiġifieri l-kodiċi C-259 tan-NACE Manifattura ta' prodotti tal-metall ffabbrikati oħra ([41]).

3.2.1.1.5. *Enerġija*

(77) Skont it-talba għal rieżami, l-enerġija (l-elettriku u l-gass naturali) li tiġi kkunsmata matul il-proċess tal-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija hija insinifikanti. Dan ġie kkonfermat mis-sejbiet tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, li ma ġewx ikkontestati fl-investigazzjoni attwali. Billi l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda informazzjoni li tikkontradixxi dawn is-sejbiet, dawn ġew aċċettati u għalhekk, għall-fini ta' din l-investigazzjoni, il-kostijiet tal-enerġija tqiesu bħala negliġibbli.

3.2.1.1.6. *Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A, profitti u deprezzament*

(78) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(79) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, abbażi tad-data pprovduta mill-applikanti, il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura għall-kostijiet lavorattivi u tal-manifattura totali. Imbagħad, dan il-persentaġġ ġie applikat għall-valur mingħajr distorsjoni tal-kost tal-manifattura biex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura, skont il-mudell prodott. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-produtturi Torok tat-twavel għall-mogħdija, il-kostijiet u l-profitt tal-SG&A ġew iddeterminati abbażi tal-informazzjoni li nstabet fl-istatistika settorjali ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija, jiġifieri fuq l-aħħar statistika disponibbli (2023) għal C-259 *Manifattura ta' prodotti tal-metall ffabbrikati oħra*.

3.2.1.1.7. *Kalkolu tal-valur normali*

(80) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi/produtturi esportaturi Ċiniżi, ma setax jiġi stabbilit liema mudelli tat-twavel għall-mogħdija kienu prodotti fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, l-applikanti identifikaw sitt mudelli ta' twavel għall-mogħdija inklużi twavel għall-mogħdija ta' livell baxx u għoli. Il-valur normali ġie stabbilit għal dawn il-mudelli skont il-metodoloġija spjegata fil-premessi (81) sa (83) hawn taħt.

(81) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami dwar l-użu ta' kull fattur (il-materjali u l-manodopera) għall-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija.

(82) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni żiedet il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitt kif innotat fil-premessa (78). Il-Kummissjoni żiedet l-entrati li ġejjin fil-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni:

— Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, li ammontaw għal total ta' 20 % tal-kostijiet diretti tal-manifattura,

— L-SG&A u kostijiet oħra, li ammontaw għal 10 % tal-Kostijiet tal-Oġġetti Mibjugħa ("COGS", Costs of Goods Sold), u

— Il-profitti, li ammontaw għal 16 % tal-COGS, ġew applikati għall-kostijiet totali tal-manifattura mingħajr distorsjoni u għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura.

([41]) NACE Rev. 2 - Statistical classification of economic activities - Products Manuals and Guidelines - Eurostat.

(83) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(84) Minħabba l-fatt li l-ebda produttur esportatur Ċiniż ma kkoopera u konsegwentement il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni dwar it-taħlita tal-prodott la għan-naħa domestika u lanqas għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll valur normali għall-pajjiż kollu billi ħadet medja tal-valuri normali għal kull tip ta' prodott.

3.2.1.2. Prezz tal-esportazzjoni

(85) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ, id-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni għall-importazzjonijiet kollha kienet ibbażata fuq il-fatti disponibbli. Il-prezz tal-esportazzjoni kien ibbażat fuq informazzjoni mill-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6) u aġġustat għal-livell frank abbord ("FOB") billi tnaqqas l-immaniġġjar u l-merkanzija mill-oċeani abbażi tal-evidenza pprovduta fit-talba għal rieżami ([42]). Bħal fil-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6), il-volumi tal-importazzjoni huma rrapportati f'kg, il-Kummissjoni kkonvertiet iċ-ċifri f'biċċiet (unitajiet) billi użat it-tabella ta' korrelazzjoni li ġiet stabbilita fir-rieżami ta' skadenza preċedenti ([43]) msemmi fil-premessa (8).

(86) Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni dettaljata dwar it-taħlita tal-prodott minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi mir-RPĊ, u ċ-ċifri mill-bażi tad-data 14(6) jinkludu t-twavel għall-mogħdija kollha mingħajr ma jiddistingwu t-tipi. Konsegwentement, il-Kummissjoni użat ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni, skont it-tip ta' prodott, mill-offerti u l-kwotazzjonijiet ipprovduti fit-talba ([44]), aġġustati għal-livell FOB fuq l-istess bażi tad-data mill-bażi tad-data 14(6). It-talba ma kellha l-ebda evidenza ta' kostijiet tat-trasport intern fiċ-Ċina, u għalhekk użat il-prezz frank abbord bħala indikatur għall-prezz mill-fabbrika. Meta wieħed iqis is-sejba tad-dumping fil-premessi (87) sa (89) kif ukoll in-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffokata fuq is-sejba ta' jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jistax jerġa' jseħħ, aktar milli biex jinstab il-kobor eżatt tiegħu, il-Kummissjoni ddeċidiet li t-tnaqqis tat-trasport domestiku ma kienx neċessarju peress li jirriżulta biss fi tnaqqis fil-prezz tal-esportazzjoni u konsegwentement f'marġni tad-dumping ogħla.

3.2.1.3. Tqabbil u marġni tad-dumping

(87) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali maħdum medju għall-pajjiż kollu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku mal-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika kif stabbilit hawn fuq. Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping medju ponderat, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kien ta' aktar minn 10 %.

(88) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-prezzijiet tal-esportazzjoni abbażi tat-talba għal rieżami mal-valuri normali stabbiliti għat-tipi ta' prodotti korrispondenti kif stabbiliti matul din l-investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, ivarjaw minn 37 % sa 104 % skont it-tip ta' prodott.

(89) Għalhekk ġie konkluż li d-dumping kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING**

(90) Wara s-sejbiet tal-eżistenza tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni investigat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk il-miżuri jitħassru. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

([42]) Talba għal rieżami, it-taqsima 6.2.
([43]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (134).
([44]) Talba għal rieżami, it-taqsima 6.2. u l-annessi 8 u 9.

4.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina**

(91) L-ebda wieħed mill-esportaturi/produtturi Ċiniżi ma pprovda xi informazzjoni fir-rigward tal-kapaċità tal-produzzjoni reali fiċ-Ċina. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar it-twavel għall-mogħdija speċifikament, bħal statistika jew studji dwar is-suq u għalhekk is-sejbiet kellhom ikunu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fit-talba għal rieżami u s-sejbiet tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, bħala informazzjoni disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(92) Skont l-informazzjoni fit-talba, il-produtturi Ċiniżi għandhom kapaċità tal-produzzjoni żejda ([45]). L-evidenza pprovduta mill-applikanti fit-talba kienet ibbażata fuq ir-rieżami ta' skadenza preċedenti u kkonfermata mill-konklużjonijiet tal-aħħar rapport tal-ITC tal-Istati Uniti minn Awwissu 2021 (it-tielet rieżami tal-ordni tad-dazju anti-dumping). Dan tal-aħħar juri li l-produtturi Ċiniżi għandhom il-kapaċità li jkomplu jżidu l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, billi jittrasferixxu l-produzzjoni bejn il-linji ta' produzzjoni eżistenti skont id-domanda. Id-data dwar l-esportazzjoni użata fir-rapport tal-ITC tal-Istati Uniti diġà wriet li bejn l-2015 u l-2020 il-produtturi Ċiniżi kienu l-akbar esportaturi globali ta' għamara oħra tal-metall, li tinkludi twavel għall-mogħdija u prodotti oħra fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti. Dawn kienu jirrappreżentaw bejn 46 % u 56 % tal-esportazzjonijiet globali ta' dawn il-prodotti ([46]). Barra minn hekk, skont l-applikanti u abbażi tal-aħħar Rapport, din il-kapaċità żejda ġejja mill-appoġġ distorsiv mill-GTĊ u l-kapaċitajiet żejda għall-input ewlieni, jiġifieri l-azzar.

(93) Abbażi tas-sejbiet fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, li ma ġewx ikkontestati fl-investigazzjoni attwali, il-produtturi Ċiniżi jistgħu faċilment jinstallaw kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali minħabba li l-proċess tal-manifattura huwa prinċipalment ibbażat fuq il-manodopera. Barra minn hekk, il-produtturi Ċiniżi tat-twavel għall-mogħdija jipproduċu wkoll prodotti oħra tal-metall f'linji tal-produzzjoni li jistgħu jintużaw faċilment għall-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija. Dan jippermetti lill-produtturi Ċiniżi jżidu l-produzzjoni tat-twavel għall-mogħdija billi jittrasferixxu l-produzzjoni bejn il-linji tal-produzzjoni eżistenti skont id-domanda. Tali żieda fil-kapaċità ma tirrikjedi l-ebda investiment jew ħila importanti u l-bidla bejn prodotti differenti hija għalhekk faċli. L-investigazzjoni kurrenti ma żvelat l-ebda informazzjoni li tpoġġi f'dubju dawn is-sejbiet.

(94) Abbażi ta' dan, ir-rieżami ta' skadenza preċedenti kkonkluda li hemm kapaċitajiet tal-produzzjoni għoljin disponibbli fir-RPĊ, li jkopru mill-inqas kważi 100 % tal-konsum fl-UE, li jistgħu jiżdiedu faċilment saħansitra aktar ([47]). L-investigazzjoni kurrenti ma żvelat l-ebda informazzjoni li tpoġġi f'dubju dawn is-sejbiet.

4.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(95) L-analiżi dwar l-esportazzjonijiet Ċiniżi żvelat li, minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ, is-suq tal-UE jibqa' wieħed mill-aktar swieq tal-esportazzjoni importanti għall-produtturi Ċiniżi tat-twavel għall-mogħdija.

(96) Dan ġie kkonfermat mill-fatt li s-sehem mis-suq Ċiniż matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien għadu 6 % minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ. Dan jindika b'mod ċar li l-UE tibqa' suq attraenti għall-produtturi Ċiniżi tat-twavel għall-mogħdija u li l-importazzjonijiet mir-RPĊ x'aktarx jiżdiedu jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(97) F'Awwissu 2021, fil-qafas tat-tielet rieżami ta' estinzjoni tal-Istati Uniti ([48]), wara l-ewwel ([49]) u t-tieni rieżami ta' estinzjoni ([50]) li rriżultaw mill-investigazzjoni anti-dumping oriġinali mibdija fl-2003 u li imponew dazji anti-dumping fuq it-twavel għall-mogħdija mir-RPĊ li jvarjaw minn 9,47 % sa 157,68 %, id-Dipartiment tal-Kummerċ ("DOC", Department of Commerce) tal-Istati Uniti nnotifika l-kontinwazzjoni tal-ordni tad-dazju anti-dumping fuq it-twavel għall-mogħdija miċ-Ċina għal 5 snin oħra.

([45]) Talba, it-taqsima 8.3.

([46]) P. I-20, Investigation No. 731-TA-1047 (Third Review), Ironing Tables and Certain Parts Thereof from China, Awwissu 2021, disponibbli fuq https://www.usitc.gov/publications/701_731/pub5221.pdf.

([47]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (197).

([48]) Ironing tables and certain parts thereof from China; Inv. No. 731-TA-1047 (Third Review): https://ids.usitc.gov/case/1585/investigation/5133 (aċċessat l-aħħar fis-26 ta' Ġunju 2025).

([49]) Ironing tables and certain parts thereof from China; Inv. No. 731-TA-1047 (Review): https://ids.usitc.gov/case/1585/investigation/2972, u 2010-15631.pdf (aċċessati l-aħħar fis-26 ta' Ġunju 2025).

([50]) Ironing tables and certain parts thereof from China; Inv. No. 731-TA-1047 (Second Review): https://ids.usitc.gov/case/1585/investigation/4271, u 2016-05172.pdf (aċċessati l-aħħar fis-26 ta' Ġunju 2025).

(98) Minbarra dawk id-dazji, mill-24 ta' Settembru 2018, it-twavel għall-mogħdija importati miċ-Ċina kienu soġġetti għal dazju *ad valorem* ieħor ta' 10 % fl-Istati Uniti, li kompla jiżdied għal dazju *ad valorem* ta' 25 % mill-10 ta' Mejju 2019 ([51]).

(99) Wara rieżami mibdul taċ-ċirkostanzi tal-ordni tad-dazju anti-dumping rigward l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija mir-RPĊ li oriġinarjament tnieda fl-2022, fid-19 ta' April 2023 id-DOC tal-Istati Uniti ddetermina li ma jirrevokax l-ordni li timponi tali dazji ([52]).

(100) Bl-istess mod fir-Renju Unit, it-Trade Remedy Authority ("TRA") tar-Renju Unit iddeterminat li d-dazji anti-dumping tal-UE fuq it-twavel għall-mogħdija li joriġinaw miċ-Ċina kellhom ikunu soġġetti għal tranżizzjoni. Għalhekk, id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi tat-twavel għall-mogħdija fl-UE, jiġifieri dawk applikabbli bħalissa fl-UE, ġew imposti permezz ta' tranżizzjoni għall-importazzjonijiet Ċiniżi tat-twavel għall-mogħdija fir-Renju Unit ukoll ([53]).

(101) Dawn il-miżuri fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit jillimitaw is-swieq tal-esportazzjoni tal-produtturi Ċiniżi, u dan jagħmilha probabbli li dawn iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni jekk il-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu.

4.3. **Konklużjoni**

(102) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kif stabbilit fil-premessi (87) sa (89) u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet jekk il-miżuri jiskadu kif spjegat fil-premessi (91) sa (101), il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping.

5. **DANNU**

5.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(103) Il-prodott simili kien immanifatturat minn 11-il produttur fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(104) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġiet stabbilita għal madwar 3,7 miljun biċċa. Il-Kummissjoni stabbiliet din iċ-ċifra abbażi tad-data pprovduta mill-applikant, li ġiet kontroverifikata mad-data vverifikata tal-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Kif indikat fil-premessa (17), il-produtturi tal-Unjoni ntgħażlu fil-kampjun li jirrappreżenta 55 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

([51]) US International Trade Commission, Investigation No. 731- TA-1047 (Third Review), Ironing Tables and Certain Parts Thereof from China, Awwissu 2021, disponibbli hawn: pub5221.pdf (aċċessat l-aħħar fis-26 ta' Ġunju 2025).

([52]) Federal Register / Vol. 88, Nru 75 / l-Erbgħa, 19 ta' April 2023, disponibbli hawn: https://www.govinfo.gov/content/pkg/FR-2023-04-19/pdf/2023-08232.pdf (aċċessat l-aħħar fis-26 ta' Ġunju 2025).

([53]) Notice of determination 2020/35: anti-dumping duty on ironing boards originating in the People's Republic of China, disponibbli hawn: Notice of determination 2020/35: anti-dumping duty on ironing boards originating in the People's Republic of China - GOV.UK. Id-dazji anti-dumping li jirriżultaw mir-Regolament preċedenti dwar ir-rieżami ta' skadenza u li mbagħad ġew ittrasferiti lejn ir-Renju Unit kellhom jiskadu fit-3 ta' Ottubru 2024. Skont in-Notifika tal-Bidu tar-Rieżami tat-Tranżizzjoni Nru TD0063, "Anti-Dumping duty on ironing boards originating in the People's Republic of China (PRC) Initiation of a Transition Review of Anti-Dumping Measure", it-Trade Remedy Authority ("TRA") tar-Renju Unit bdiet rieżami tat-tranżizzjoni fit-30 ta' Settembru 2024, disponibbli hawn: https://www.trade-remedies.service.gov.uk/public/case/TD0063/submission/1c3d51b7-04e4-4b1f-b546-5c1760ffbb0b/.

5.2. **Konsum tal-Unjoni**

(105) Il-konsum fl-UE ġie stabbilit abbażi tal-volum tal-importazzjoni kif irreġistrat fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 14(6) u l-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-UE kif ippreżentati mill-applikant. Dawn il-volumi tal-bejgħ ġew kontroverifikati u aġġornati fejn kien neċessarju fir-rigward tal-informazzjoni vverifikata mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Bħal fil-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6), il-volumi tal-importazzjoni huma rrapportati f'kg, il-Kummissjoni kkonvertiet iċ-ċifri, jekk meħtieġ, f'biċċiet (unitajiet) billi użat it-tabella ta' korrelazzjoni li ġiet stabbilita fir-rieżami ta' skadenza preċedenti ([54]) msemmi fil-premessa (8).

(106) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Il-konsum tal-Unjoni (biċċiet)

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Konsum totali tal-Unjoni	6 322 017	5 995 470	5 501 707	5 273 174	5 535 074
Indiċi	*100*	*95*	*87*	*83*	*88*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju u l-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

(107) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum fl-UE naqas bi 12 %. Il-parti ewlenija ta' dan it-tnaqqis seħħet bejn l-2020 u l-2022. It-tnaqqis mill-2021 sal-2023 seħħ matul perjodu ta' żieda fil-prezzijiet sabiex tiġi koperta ż-żieda f'daqqa tal-kostijiet tal-materjal tal-input, prinċipalment l-azzar, wara t-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna ([55]). Il-konsum reġa' żdied bi ftit fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel mas-sena sħiħa tal-2023.

5.2.1. *Importazzjonijiet fl-UE mir-RPĊ*

(108) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjoni (biċċiet) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ	473 904	319 767	261 542	274 324	306 328
Indiċi	*100*	*67*	*55*	*58*	*58*
Sehem mis-suq	7 %	5 %	5 %	5 %	6 %
Indiċi	*100*	*71*	*63*	*69*	*74*

Sors: Bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6) u tweġibiet għall-kwestjonarju.

([54]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (134).
([55]) Talba, il-paragrafu 98.

(109) Bejn l-2020 u l-2022 l-importazzjonijiet naqsu b'45 %, iżda sussegwentement reġgħu żdiedu, inkluż fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali tul il-perjodu kkunsidrat dawn naqsu b'35 %. Madankollu, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' relattivament stabbli u naqas minn 7 % fl-2020 għal 5 % fl-2021 iżda reġa' żdied għal 6 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalkemm il-kwantitajiet totali tal-importazzjonijiet naqsu, u dan jirrifletti wkoll ix-xejra tal-konsum tal-Unjoni kif deskritt fil-premessa (107), is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' konsegwenzjali matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

(110) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar it-tipi ta' prodotti importati mir-RPĊ. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset il-kodiċijiet doganali TARIC differenti li taħthom ġew irreġistrati l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ, kif stabbilit fil-premessa (30). Abbażi ta' dan, matul il-perjodu kkunsidrat, bejn 80 % u 95 % tat-twavel għall-mogħdija importati mir-RPĊ kienu magħmula mill-azzar (TARIC 7323 93 00 10 u 7323 99 00 10) ([56]). Fost dawn, il-volum tal-importazzjoni bl-użu tal-kodiċi TARIC rilevanti għall-azzar inossidabbli (7323 93 00 10) żdied matul il-perjodu kkunsidrat minn 19 % tal-volum totali tal-importazzjoni fl-2020 għal 36 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel ma' tnaqqis minn 75 % għal 59 % tal-volumi totali tal-importazzjoni għall-kodiċi TARIC li jkopri azzar ieħor (7323 99 00 10).

5.2.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ ikkonċernati u t-twaqqigħ tal-prezz*

(111) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-prezz medju tal-importazzjoni mir-RPĊ kellu jiġi stabbilit abbażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6) u bl-użu tal-istess tabella ta' korrelazzjoni kif stabbilit fil-premessa (105). It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet meta mqabbel mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni ġie stabbilit filwaqt li tqieset l-informazzjoni ppreżentata mill-applikanti u mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(112) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 4

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/biċċa)

Importazzjonijiet mir-RPĊ	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Prezz medju tal-importazzjoni (EUR/biċċa)	11,36	17,00	20,69	18,35	17,73
Indiċi	*100*	*150*	*182*	*162*	*156*

Sors: Bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

(113) Il-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ żdiedu b'56 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kwantitajiet tal-importazzjoni żdiedu b'mod partikolari għat-tipi ta' prodotti li jużaw l-azzar inossidabbli koperti mill-kodiċi SA 7323 93 00 (TARIC 7323 93 00 10) li jrendu prezzijiet ogħla mit-tipi ta' prodotti importati taħt 7323 99 00 (TARIC 7323 99 00 10). Il-kwantitajiet tal-importazzjoni ta' dawn tal-aħħar naqsu matul il-perjodu kkunsidrat, kif muri fil-premessa (110).

(114) Sabiex jiġi ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezzijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezz medju ponderat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li ntalab lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-UE, aġġustat għal-livell tal-prezz mill-fabbrika (jiġifieri eskluża l-kostijiet tat-trasport fl-UE u wara tnaqqis tal-iskontijiet u r-ribassi), tqabbel fuq bażi ta' tip b'tip mal-prezz medju ponderat korrispondenti tal-importazzjonijiet kif stabbilit hawn fuq fil-premessa (111), fuq bażi CIF, u mbagħad ġie inkluż id-dazju doganali u anti-dumping.

([56]) Talba, il-paragrafu 14.

(115) It-tqabbil wera li, meta mogħtija bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi kważi 4 %. Meta jitnaqqas id-dazju anti-dumping stabbilit, il-marġni tat-twaqqigħ ammonta għal 26 %.

5.3. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ**

(116) L-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ kienu prinċipalment mit-Turkija, mill-Ukrajna u mill-Indja.

(117) Il-volum (aggregat) tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
It-Turkija	Volum (biċċiet)	1 120 887	1 120 413	929 773	945 325	1 028 524
	Indiċi	*100*	*100*	*83*	*84*	*92*
	Sehem mis-suq	18 %	19 %	17 %	18 %	19 %
	Prezz medju (EUR/ biċċa)	9,04	9,28	12,59	11,88	11,62
	Indiċi	*100*	*103*	*139*	*131*	*129*
L-Ukrajna	Volum (biċċiet)	1 076 875	960 185	564 541	491 488	655 160
	Indiċi	*100*	*89*	*52*	*46*	*61*
	Sehem mis-suq	17 %	16 %	10 %	9 %	12 %
	Prezz medju (EUR/ biċċa)	11,03	11,64	14,15	14,44	14,07
	Indiċi	*100*	*106*	*128*	*131*	*128*
L-Indja	Volum (biċċiet)	193 309	132 660	240 236	173 572	181 278
	Indiċi	*100*	*69*	*124*	*90*	*94*
	Sehem mis-suq	3 %	2 %	4 %	3 %	3 %
	Prezz medju (EUR/ biċċa)	8,99	10,84	14,29	19,61	19,36
	Indiċi	*100*	*120*	*159*	*218*	*215*

Pajjiż		2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Oħrajn	Volum (biċċiet)	218 575	195 270	87 398	68 899	95 031
	Indiċi	*100*	*89*	*40*	*32*	*43*
	Sehem mis-suq	3 %	3 %	2 %	1 %	2 %
	Prezz medju (EUR/ biċċa)	11,9	12,5	18,9	20,4	20,1
	Indiċi	*100*	*105*	*159*	*172*	*169*
Total tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ	Volum (biċċiet)	2 549 008	2 516 117	1 755 299	1 687 004	1778 729
	Indiċi	*100*	*99*	*69*	*66*	*70*
	Sehem mis-suq	41 %	40 %	33 %	32 %	35 %

Sors: Il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6).

(118) Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha mhux soġġetti għall-miżuri meħuda fl-intier tagħhom kien ta' madwar 1,8 miljun biċċa fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li jfisser sehem mis-suq ta' 35 %. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet ġew mit-Turkija u mill-Ukrajna. Matul il-perjodu kollu kkunsidrat, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha mhux soġġetti għall-miżuri naqas minn 41 % fl-2020 għal 32 % fl-2023 qabel ma reġa' żdied bi ftit sa 35 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(119) L-importazzjonijiet mit-Turkija baqgħu ġeneralment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat u varjaw bejn 0,9 u 1,1 miljun biċċa fis-sena. L-importazzjonijiet totali ammontaw għal 1,1 miljun fl-2020 u 1,0 miljun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(120) B'kuntrast ma' dan, l-importazzjonijiet mill-Ukrajna naqsu minn 1,0 miljun għal 0,5 miljun biċċa fl-2023. L-akbar tnaqqis seħħ minn 1,0 miljun fl-2021 għal inqas minn 0,6 miljun biċċa fl-2022 li jirrifletti t-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-importazzjonijiet mill-Ukrajna reġgħu bdew jiżdiedu.

(121) L-importazzjonijiet mill-Indja baqgħu relattivament stabbli, b'madwar 0,2 miljun biċċa fis-sena matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra kien baxx, u naqas minn 0,2 miljun biċċa għal 0,1 miljun biċċa matul il-perjodu kkunsidrat.

(122) F'termini ta' sehem mis-suq, ix-xejriet deskritti hawn fuq isarrfu f'żieda ta' punt perċentwali wieħed, minn 18 % fl-2020 għal 19 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, għat-Turkija u fi tnaqqis minn 17 % tas-sehem mis-suq fl-2020 għal 12 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għall-Ukrajna. Is-sehem mis-suq tal-Indja baqa' stabbli għal madwar 3 % matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tal-pajjiżi terzi li jifdal naqas minn 3 % fl-2020 għal 2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(123) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mit-Turkija żdied minn EUR 9/biċċa fl-2020 għal EUR 11,6/biċċa fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Matul l-istess perjodu, il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna żdied bi ftit minn EUR 11/biċċa għal EUR 14/biċċa, filwaqt li l-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-Indja żdied minn EUR 8,99 għal EUR 19,36/biċċa.

5.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.4.1. *Kummenti ġenerali*

(124) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(125) Kif imsemmi fil-premessa (17), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(126) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-data inkluża fil-kwestjonarju ppreżentat mill-applikanti kif ukoll tad-data li tinsab fil-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6). Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-data inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(127) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività.

(128) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti.

5.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

5.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(129) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-volum tal-produzzjoni (unità tal-kejl)	3 809 828	3 817 450	4 036 480	3 813 199	3 722 588
Indiċi	*100*	*100*	*106*	*100*	*98*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (unità tal-kejl)	6 038 000	6 038 000	6 038 000	6 038 000	6 038 000
Indiċi	*100*	*100*	*100*	*100*	*100*
Użu tal-kapaċità	63 %	63 %	67 %	63 %	62 %
Indiċi	*100*	*101*	*106*	*103*	*101*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(130) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, u żdiedet biss fl-2022 b'6 % li tammonta għal 4,0 miljun biċċa, iżda naqset fl-2023 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami fejn laħqet livelli simili bħal fl-2020. L-ogħla livell ta' produzzjoni fis-sena 2022 segwa l-evoluzzjoni tal-volum tal-bejgħ li qiegħed jiġi ppreżentat fit-taqsima li ġejja. Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet l-istess matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

5.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(131) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq (biċċiet)

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni	3 238 467	3 267 174	3 418 216	3 319 567	3 268 752
Indiċi	*100*	*101*	*106*	*103*	*101*
Sehem mis-suq	51 %	54 %	62 %	63 %	59 %
Indiċi	*100*	*106*	*121*	*123*	*115*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(132) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-UE baqa' bażikament stabbli bi fluttwazzjonijiet żgħar matul il-perjodu kkunsidrat. Wara żieda minn 3,2 miljun fl-2021 għal 3,4 miljun biċċa fl-2022, il-volum tal-bejgħ reġa' naqas għal 3,3 miljun fl-2023 u, fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kien madwar l-istess livell bħal fis-sena 2020 li jammonta għal 3,2 miljun biċċa. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni segwa x-xejra tal-bejgħ, żdied fl-2022 u fl-2023 u reġa' naqas matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, b'mod ġenerali, żdied bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(133) Filwaqt li l-volum tal-bejgħ baqa' madwar l-istess livell matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-UE żdied b'9 punti perċentwali għal 59 %. Dan huwa spjegat mill-konsum ġenerali tal-Unjoni li qiegħed jonqos bi ftit, kif deskritt fil-premessa (107).

5.4.2.3. Tkabbir

(134) Il-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-Industrija tal-Unjoni baqgħu stabbli filwaqt li l-konsum kien qiegħed jonqos bi ftit, u dan irriżulta f'żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. L-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni baqgħu stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Fuq din il-bażi, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni żammet iżda ma żiditx il-pożizzjoni tagħha f'termini ta' produzzjoni u bejgħ f'suq li kien qiegħed jonqos ftit matul il-perjodu kkunsidrat.

5.4.2.4. Impjiegi u produttività

(135) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Għadd ta' impjegati	484	472	492	482	482
Indiċi	*100*	*98*	*102*	*100*	*100*

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Produttività (unità/ impjegat)	7 877	8 088	8 212	7 914	7 725
Indiċi	*100*	*98*	*102*	*100*	*100*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(136) L-impjiegi, filwaqt li varjaw bi ftit, baqgħu ġeneralment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod aktar speċifiku, kien hemm tnaqqis fl-impjiegi mill-2020 sal-2021 segwit minn żieda fis-sena 2022 għal-livell massimu. Sussegwentement, l-għadd ta' impjegati reġa' naqas għall-istess livell bħal fl-2020, li jirrifletti wkoll il-volumi aktar baxxi ta' produzzjoni u bejgħ fis-sena 2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel mas-sena 2022.

(137) Il-produttività, imkejla bħala output (biċċiet) għal kull persuna impjegata fis-sena, baqgħet pjuttost stabbli bi flutwazzjonijiet żgħar. Mill-2020, din żdiedet bi ftit fl-2022 u reġgħet naqset għal-livell tal-2020 fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5.4.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(138) Id-dumping kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami f'livell materjali. Il-produtturi esportaturi Ċiniżi komplew ukoll iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(139) Fl-istess ħin, minkejja l-miżuri anti-dumping stabbiliti, il-livell ta' importazzjonijiet miċ-Ċina baqa' materjali u jirrappreżenta bejn 5 % u 7 % tas-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, l-impatt tad-daqs tal-marġni tad-dumping reali miċ-Ċina fuq l-industrija tal-Unjoni ppersista u ma jistax jitqies bħala negliġibbli.

(140) Madankollu, minkejja l-fatt li kien għad hemm dumping għall-importazzjonijiet mir-RPĊ, l-analiżi tal-indikaturi tad-dannu turi li l-miżuri stabbiliti kellhom effett ta' protezzjoni u impatt pożittiv ġenerali fuq l-industrija tal-Unjoni.

5.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

5.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(141) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/biċċa)

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali	10,8	12,4	13,9	14,5	14,4
Indiċi	*100*	*114*	*128*	*133*	*133*

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Kost tal-produzzjoni ta' unità	11	13	15	14	15
Indiċi	*100*	*119*	*138*	*130*	*132*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(142) Il-prezzijiet medji żdiedu bi 33 % bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Din iż-żieda ssegwi ż-żieda qawwija fil-kostijiet tal-produzzjoni, jiġifieri għall-aktar materjal ta' input importanti, l-azzar, bħala konsegwenza tat-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna ([57]). L-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-prezzijiet, anke fil-kuntest ta' żieda ġenerali fl-inflazzjoni fl-UE kkawżata mill-interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista bħala konsegwenza tat-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna. Madankollu, din ix-xejra ta' żidiet fil-prezzijiet wara ż-żieda fil-kostijiet tal-materjal tal-input intemmet matul is-sena 2023. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-industrija tal-Unjoni ma komplietx tgħolli l-livell tal-prezzijiet anke f'kuntest ta' żieda fl-importazzjonijiet kif stabbilit fil-premessi (109) u (118). Il-prezzijiet saħansitra naqsu bi ftit meta mqabbla mas-sena 2023.

5.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(143) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	20 521	21 627	3 396	25 254	26 914
Indiċi	*100*	*105*	*114*	*123*	*131*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(144) Il-kostijiet lavorattivi medji żdiedu b'mod stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, b'mod ġenerali b'madwar 30 %. Din iż-żieda tirrifletti x-xejra ġenerali fl-UE b'żieda fil-pagi nominali sabiex jirrispondu għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja inkluż tal-kostijiet tal-enerġija, speċjalment wara t-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna ([58]).

5.4.3.3. Inventarji

(145) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Inventarji

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Stokks tal-għeluq (biċċiet)	96 867	100 185	125 849	145 766	131 157
Indiċi	*100*	*103*	*130*	*150*	*135*

([57]) Talba, il-paragrafu 98.
([58]) Labour market and wage developments in Europe 2024 - l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, p. 47.

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Stokks tal-għeluq bħala persentaġġ tal-produzzjoni	3 %	3 %	3 %	4 %	4 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(146) Il-livell tal-istokks espress bħala perċentwal tal-volum tal-produzzjoni baqa' ġeneralment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat b'żieda fl-istokk tal-għeluq minn 3 % fl-2022 għal 4 % fl-2023.

5.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(147) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	2023	Perjodu ta' Investigazzjoni tar-Rieżami
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	3,69 %	4,61 %	3,27 %	6,85 %	6,52 %
Indiċi	*100*	*125*	*89*	*185*	*176*
Fluss tal-flus (EUR)	1 976 678	1 537 097	827 332	2 859 912	3 348 485
Indiċi	*100*	*78*	*42*	*145*	*169*
Investimenti (EUR)	566 161	391 113	209 915	289 386	324 510
Indiċi	*100*	*69*	*37*	*51*	*57*
Redditu fuq l-investimenti	6 %	9 %	11 %	20 %	17 %
Indiċi	*100*	*160*	*193*	*334*	*285*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(148) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lill-klijenti mhux relatati fl-UE bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni varjat. L-ewwel żdiedet bejn l-2020 u l-2021 minn 3,69 % għal 4,61 %, imbagħad naqset fl-2022 għal 3,27 % u reġgħet żdiedet fl-2023 għal 6,85 %. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-profittabbiltà naqset bi ftit għal 6,52 %. B'mod ġenerali, il-profittabbiltà żdiedet minn 3,69 % fl-2020 għal 6,52 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li

rrappreżenta żieda ta' 2,83 punti perċentwali. Minkejja x-xejra ta' żieda, il-livell ta' profitti ma laħaqx il-profitt fil-mira li tqies adegwat għal din l-industrija fir-rieżami ta' skadenza preċedenti (jiġifieri 7,0 %) ([59]), ħlief fl-2023 fejn il-livelli ta' profittabbiltà kienu qrib dan il-livell limitu. Dan huwa prinċipalment dovut għaż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, kif stabbilit fil-premessa (142), li kienet aktar evidenti mill-2020 sal-2022 miż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ fl-istess perjodu. Fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, din ix-xejra treġġgħet lura, u l-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu b'mod aktar malajr mill-kostijiet, u dan kien rifless ukoll fil-profittabbiltà ta' dawn is-snin li żdiedet b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-2022.

(149) Il-fluss tal-flus nett mill-attivitajiet operatorji jsegwi l-istess xejra bħall-profittabbiltà. Il-fluss tal-flus nett naqas bejn l-2020 u l-2022, u b'mod speċjali bejn l-2021 u l-2022. Dan seħħ matul perjodu ta' żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ, iżda wkoll żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni. Mill-2023 'il quddiem, il-fluss tal-flus nett tjieb u kien ukoll sostanzjalment ogħla milli fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat.

(150) B'mod ġenerali, l-ammont ta' investiment annwali naqas b'madwar nofs bejn l-2020 u l-2022. Wara dan it-tnaqqis qawwi, il-livelli ta' investiment irkupraw fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, filwaqt li baqgħu f'livelli relattivament baxxi. Għalhekk, meta mqabbel mal-2020, kien għad hemm tnaqqis ta' 43 %. Fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, il-Kummissjoni osservat li l-ammonti għoljin ta' investiment annwali kienu preċeduti minn rati għoljin ta' profitt ([60]). Dan huwa kkonfermat fir-rieżami ta' skadenza kurrenti. Ir-rati baxxi ta' profitt fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat kienu segwiti minn tnaqqis fl-ammont ta' investimenti annwali, li wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-attivitajiet ta' investiment tal-industrija tal-Unjoni.

(151) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Bejn l-2020 u l-2022, il-perċentwal żdied bil-valur kontabilistiku nett tal-investiment jonqos filwaqt li l-profitti baqgħu stabbli. Mill-2023 'il quddiem, ir-rati ta' redditu fuq l-investiment kienu l-ogħla, fejn l-ammonti ta' investiment annwali kienu qegħdin jiżdiedu. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi u lesta li żżid l-investimenti, ladarba l-profittabbiltà kienet għolja biżżejjed.

5.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(152) L-indikaturi ewlenin tad-dannu, bħas-sehem mis-suq, il-prezzijiet tal-bejgħ kif ukoll il-profittabbiltà u indikaturi finanzjarji oħra bħall-investiment urew xejra pożittiva. L-ebda wieħed mill-indikaturi tad-dannu ma wera xejriet negattivi sinifikanti. Madankollu, il-profittabbiltà baqgħet ferm taħt il-profitt fil-mira ta' 7 % sal-2022 u laħqet biss madwar dan il-limitu fl-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(153) Il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha kienet limitata minħabba l-kompetizzjoni inġusta tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li, minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ, żdiedu fil-volum matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bi prezzijiet li jwaqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni. Bħala tali, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha b'mod suffiċjenti biex tikkumpensa għaż-żieda fil-kost tal-produzzjoni li seħħet matul il-perjodu kkunsidrat.

(154) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma ddeterjoratx matul il-perjodu kkunsidrat u li l-miżuri kienu effettivi sa ċertu punt, b'mod partikolari, f'sitwazzjoni ta' żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, u servew bħala xibka ta' sikurezza li ppreveniet żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet bi prezz baxx miċ-Ċina li ppermettew lill-industrija tal-Unjoni tagħmel xi profitti u ma tagħmilx telf.

(155) Għalhekk qiegħed jitqies li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbet l-ebda dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, minħabba ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat, il-livell baxx ta' investimenti u l-profittabbiltà li, għalkemm qegħdin jiżdiedu, baqgħu taħt il-profitt fil-mira, jista' jitqies li l-industrija tal-Unjoni għad għandha bżonn iż-żmien biex tikkonsolida l-iżvilupp pożittiv tagħha u għalhekk għadha f'sitwazzjoni vulnerabbli.

([59]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (194).
([60]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1662, il-premessa (188).

(156) B'mod ġenerali, abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbet l-ebda dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5.6. **Probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu**

5.6.1. *Kumment preliminari*

(157) Minħabba s-sejbiet u l-konklużjonijiet deskritti fil-premessi (152) sa (156), il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat oriġinarjament mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni eżaminat l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċitajiet ta' riżerva fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-UE, l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-livelli probabbli tal-prezzijiet għall-UE jekk il-miżuri jitħassru u l-effett ta' importazzjonijiet futuri fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

5.6.2. *Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(158) Kif stabbilit fil-premessi (91) sa (94) abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-produtturi Ċiniżi tat-twavel għall-mogħdija għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti u huma kapaċi jżidu aktar il-kapaċità tal-produzzjoni.

5.6.3. *L-attraenza tas-suq tal-UE*

(159) Kif stabbilit fil-premessi (95) sa (101), is-suq tal-Unjoni baqa' attraenti għall-importazzjonijiet Ċiniżi kif muri mill-fatt li xorta daħlu fis-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti li jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' 6 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami minkejja l-miżuri fis-seħħ.

(160) Filwaqt li l-kwantità ġenerali tal-importazzjoni naqset matul il-perjodu kkunsidrat, kif imsemmi fil-premessa (108), il-kwantità tal-importazzjonijiet tat-twavel tal-mogħdija tal-azzar inossidabbli żdiedu, li wassal għal prezzijiet ogħla minn tipi ta' prodotti oħrajn, kif indikat fil-premessa (110) u (113). Din ix-xejra ta' żieda fl-importazzjonijiet hija mistennija li taċċellera f'każ li l-miżuri jitħassru. L-azzar inossidabbli huwa preċiżament qasam fejn il-produtturi fir-RPĊ igawdu vantaġġ fuq il-kompetituri barranin minħabba intervent persistenti tal-gvern, kif diġà ġie rrimarkat fir-Rapport.

5.6.4. *L-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u l-livell probabbli tal-prezzijiet għall-UE*

(161) Għal-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, tqies li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu diġà qegħdin iwaqqgħu il-prezz tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz mingħajr ma tqiesu l-miżuri anti-dumping ammonta għal 26 % li tqies bħala stima raġonevoli tal-livelli futuri possibbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi jekk il-miżuri jitħassru.

5.6.5. *Impatt fuq l-industrija tal-Unjoni*

(162) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-industrija tal-Unjoni se tiffaċċja żieda importanti fl-importazzjonijiet Ċiniżi, li se jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Jekk f'tentattiv biex tibqa' profittabbli, l-industrija tal-Unjoni żżomm il-livelli tal-prezzijiet kurrenti tagħha, x'aktarx li titlef il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq malajr, anke fil-każ ta' żieda fil-konsum. It-telf tal-volum tal-bejgħ iwassal għal rati aktar baxxi tal-użu tal-kapaċità u għal żieda fil-kost medju tal-produzzjoni. Dan imbagħad iwassal għal deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni u għal tnaqqis fil-profittabbiltà tagħha li kienet diġà taħt il-profitt fil-mira matul il-perjodu kkunsidrat.

(163) Inkella, jekk l-industrija tal-Unjoni tipprova tqabbel il-livelli aktar baxxi tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet f'tentattiv biex iżżomm il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha, dan ikollu impatt negattiv immedjat fuq il-livell ta' profittabbiltà tagħha li bħalissa għadu taħt il-profitt fil-mira. Ikun hemm ukoll effett negattiv fuq l-investimenti li fi kwalunkwe każ ma kinux irkupraw kompletament matul il-perjodu kkunsidrat kif ukoll impatt negattiv fuq l-indikaturi finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni. Din is-sitwazzjoni jkollha impatt serju fuq il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni għall-iżvilupp ulterjuri tagħha. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal għal tnaqqis fil-volum tal-bejgħ u fis-sehem mis-suq u għat-telf ta' impjiegi fis-suq tal-Unjoni.

5.6.6. *Konklużjoni*

(164) Abbażi ta' dan, ġie konkluż li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet dannużi u li x'aktarx jerġa' jseħħ dannu materjali.

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

(165) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni kollha kemm hi. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi, tal-bejjiegħa bl-imnut, tal-konsumaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

(166) Il-Kummissjoni tfakkar li, fl-investigazzjonijiet preċedenti, tqies li l-adozzjoni jew iż-żamma tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li din l-investigazzjoni hija rieżami, u b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri anti-dumping diġà kienu stabbiliti, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri anti-dumping kurrenti. Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ta' dannu, kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(167) Kif stabbilit fil-premessi (162) u (163), l-investigazzjoni wriet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx ikollha effett negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-kontinwazzjoni tal-miżuri tippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżomm jew saħansitra żżid il-livelli tal-prezzijiet kurrenti tagħha u tilħaq marġnijiet ta' profitt sostenibbli, u b'hekk jiġu evitati perjodi ta' deterjorament finanzjarju. Dan jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkompli u żżid l-investimenti tagħha u b'hekk iżżomm u tiżviluppa l-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-UE.

(168) Għalhekk, ġie konkluż li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.2. **L-interess tal-importaturi mhux relatati, tal-bejjiegħa bl-imnut u l-interess tal-konsumaturi (unitajiet domestiċi)**

(169) L-ebda importatur mhux relatat ma kkoopera fl-investigazzjoni. L-ebda waħda mill-partijiet interessati potenzjali l-oħra ma ppreżentat lilha nnifisha matul l-investigazzjoni. Bħal fl-investigazzjoni preċedenti, l-ebda parti li tirrappreżenta l-interessi tal-utenti aħħarin, bħal assoċjazzjonijiet ta' konsumaturi, ma ppreżentat lilha nnifisha jew ikkooperat fl-investigazzjoni.

(170) Abbażi tas-sejbiet tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq l-importaturi jew l-utenti li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni. Ir-rieżami kurrenti ma żvela l-ebda informazzjoni li tikkontesta dawn is-sejbiet.

(171) Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (116), l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra mhux soġġetti għal dazji anti-dumping ammontaw għal madwar terz tas-sehem mis-suq tal-Unjoni u kkontribwew għall-kompetizzjoni fil-prezzijiet u għall-għażla tal-provvista fis-suq. Għalhekk, ġie konkluż li ma hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri fis-seħħ affettwaw b'mod konsiderevoli l-importaturi tal-prodott taħt rieżami jew lil partijiet interessati oħra.

6.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(172) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti ta' interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

7. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(173) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping, il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jinżammu l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija miċ-Ċina.

(174) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, l-importazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(175) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(176) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(177) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott soġġett għal rieżami li joriġina miċ-Ċina u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mmanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw fiċ-Ċina". Jenħtieġ li dawn ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(178) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([61]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(179) L-istatistika tat-twavel għall-mogħdija spiss tiġi espressa f'biċċiet. Madankollu, ma teżisti l-ebda unità supplimentari bħal din għat-twavel għall-mogħdija speċifikati fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([62]). Għalhekk huwa neċessarju li jiġi previst li mhux biss il-piż f'kg jew tunnellati iżda wkoll l-għadd ta' biċċiet għall-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija jrid jiddaħħal fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Hemm bżonn li jiġu indikati l-biċċiet għall-kodiċijiet TARIC 3924 90 00 10, 4421 99 99 10, 7323 93 00 10, 7323 99 00 10, 8516 79 70 10 u 8516 90 00 51.

([61]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([62]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2522 tat-23 ta' Settembru 2024 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L, 2024/2522, 31.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2522/oj).

(180) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Huma ngħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Ma wasal l-ebda kumment.

(181) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([63]) meta jkollu jiġi rimborżat ammont fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(182) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tat-twavel għall-mogħdija, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ex 3924 90 00, ex 4421 99 99, ex 7323 93 00, ex 7323 99 00, ex 8516 79 70 u ex 8516 90 00 (kodiċijiet TARIC 3924 90 00 10, 4421 99 99 10, 7323 93 00 10, 7323 99 00 10, 8516 79 70 10 u 8516 90 00 51) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Foshan City Gaoming Lihe Daily Necessities Co. Ltd, Foshan	34,9	A782
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Guangzhou Power Team Houseware Co. Ltd, Guangzhou	39,6	A783
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Since Hardware (Guangzhou) Co., Ltd, Guangzhou	35,8	A784
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Guangdong Wireking Household Supplies Co. Ltd, Foshan	18,1	A785
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhejiang Harmonic Hardware Products Co. Ltd, Quzhou	26,5	A786
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Greenwood Houseware (Zhuhai) Ltd, Guangdong	22,7	A953
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	42,3	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum f'kilogrammi u l-għadd ta' biċċiet) tat-twavel għall-mogħdija mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

([63]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

4. Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, l-għadd ta' biċċiet tal-prodotti importati għandu jiddaħħal fl-entrata rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

L-Istati Membri għandhom, fuq bażi ta' kull xahar, jinfurmaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' biċċiet importati taħt il-kodiċijiet TARIC 3924 90 00 10, 4421 99 99 10, 7323 93 00 10, 7323 99 00 10, 8516 79 70 10 u 8516 90 00 51.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN